# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26 (laqgħa b'urġenza)

3 ta' Gunju, 2026

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fit-8.33 a.m.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 26

26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
26.2 Aġġornament dwar ix-xogħlijiet ta' asfaltar fit-toroq ġodda u l-approvazzjoni tal-pagamenti rispettivi.
26.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 26.2 Aġġornament dwar ix-xogħlijiet ta' asfaltar fit-toroq ġodda u l-approvazzjoni tal-pagamenti rispettivi

26.2.1 Is-Sindku sejjaħ din il-laqgħa sabiex jingħata aġġornament dwar ix-xogħlijiet ta' asfalt li saru fit-toroq tal-lokalità. Dawn it-toroq huma Triq ta'Żabbetta, Triq ta' Xagħman, Triq it-Tempju tal-Imramma u parti minn Triq ta' Seguna, Triq il-Paranji u Triq Dun Lazzru Camilleri.

Dan huwa kuntratt bejn il-Kunsill Lokali ta' Sannat u l-Ministeru għal Għawdex sabiex inkomplu ntejbu l-infrastruttura tat-toroq tagħna. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Ministru għal Għawdex, Clint Camilleri, tal-fiduċja li wera fina. Aħna ressaqna l-proposta tagħna bħala Kunsill Lokali, u l-Ministeru laqa' din il-proposta u ffirma dan il-kuntratt sabiex, kemm jista' jkun, intejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti kif ukoll l-infrastruttura ġewwa Sannat.

Kif tafu, Sannat huwa wieħed mill-irħula li għandu netwerk ta' toroq organizzat, għalkemm dejjem jibqa' xi jsir. Issa ser jibda jiġi implimentat it-*Traffic Management Plan* il-ġdid, fejn ser jinżebgħu diversi double yellow lines u jiġu introdotti diversi one-ways. Dan kollu qed isir sabiex it-traffiku f' Ta' Sannat jimxi aħjar, it-toroq ikunu aktar organizzati, tiżdied id-dixxiplina fit-toroq u r-residenti tagħna jħossuhom aktar siguri.

Barra minn hekk, ser tiġi introdotta rotta ġdida tax-xarabank. Bis-saħħa tal-proġetti li saru fit-toroq tagħna, kien possibbli li din ir-rotta ġdida ssir realtà, u bħalissa tinsab fil-fażi finali tagħha. Jekk hemm xi residenti li għandhom xi suġġerimenti jew kummenti, huma mistiedna jgħadduhom lill-Kunsill Lokali. Fil-fatt, diġà rċevejna xi suġġerimenti dwar fejn jistgħu jitqiegħdu bus stops ġodda, u qed nilqgħu kull kritika kostruttiva sabiex is-servizz jitjieb għall-ġid tar-residenti u tal-lokalità tagħna.

L-ispejjeż ta' dawn ix-xogħlijiet, inkluża l-VAT, huma kif ġej:

• Triq taż-Żabbetta – €71,877.51, filwaqt li x-xogħol tal-perit jammonta għal €3,593.88.
• Triq ta' Xagħman – €215,147.59 filwaqt li x-xogħol tal-perit jammonta għal €10,757.38.
• Triq ta' Seguna / Tempju tal-Imramma – €69,485.20, filwaqt li x-xogħol tal-perit jammonta għal €3,474.26.
• Triq il-Paranji – €82,003.78, filwaqt li x-xogħol tal-perit jammonta għal €4,100.19.
• Triq Dun Lazzru Camilleri – €72,944.44, filwaqt li x-xogħol tal-perit jammonta għal €3,647.25.

It-total tax-xogħlijiet fuq it-toroq jammonta għal €532,092.33, filwaqt li t-total tax-xogħol tal-perit jammonta għal €25,954.83.

Naturalment dejjem jibqa' xi jsir. Dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex. Fir-rigward tal-ħlasijiet tal-perit, hemm differenza żgħira peress li l-kuntratt tal-Kunsill mal-perit huwa ta' 5%, filwaqt li l-Ministeru ser jiffinanzja bejn 3.5% u 4%. Din id-differenza ser tiġi koperta mill-Kunsill Lokali, u hija ammont żgħir meta mqabbel mal-investiment sostanzjali li sar fil-lokalità tagħna.

## 26.3 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss**

26.3.1 Il-laqgħa ntemmet fid- 8:58 a.m u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal nhar l-Erbgha 24 ta' Ġunju fis-1:30pm.

Konfermati, illum 24 ta' Ġunju 2026

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |